MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT

### ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2014

Numru. 73/2012

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Clive Portelli, ta' 32 sena, iben Carmelo u Maria Rosaria nee` Zammit, imwieled Pieta' (Malta) nhar it-28 ta' Ottubru, 1979, residenti Blokk 5, Flat 3, Triq tla-Gebel, Birzebbugia u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 504779(M).

Talli;

Nhar it-18 ta’ Lulju, 2011 ghall habta tas-02:30 P.M. gewwa Santa Venera u f’dawn il-Gzejjer Maltin;

Ghamel hsara volontarja fuq propjeta, vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBU 142 tal-marka Citroen Picasso, ghad dannu ta’ Marisa Antoinette Spiteri , I.D. 458793(M) u Joseph Edmond Galea li ghandu numru tal-identita` 119854(M), liema ammont tal-hsara ikun izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

U talli ikawza feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Andre` s[iteri li ghandu numru tal-identita` 15051(L) hekk kif iccertifikat Dr. Amay Sarah Camilleri M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi prodotti rrisulta ampjament ippruvat illi fid-data indikata, kien hemm incident bejn l-imputat u l-persuni msemmija fit-tahrika. Dan l-incident jidher li hu frott ta’ tilwima bejn membri tal-istess familja, u l-kwistjoni bejn dawn in-nies ilha ghaddejja ghal tul ta’ zmien. Irrizulta li qamet xi problema bejn it-tfal tal-partijiet, u l-imputat mar ghas-sodisfazzjon ghand Marisa Antoinette Spiteri u Joseph Edmond Galea, u waqt li kien hemm ghamel hsara fuq il-vettura taghhom u laqat lit-tifel ta’ Spiteri, Andre’ ta’ ghaxar snin. L-imputat innega li kien ghamel din il-hsara volontarjament, izda qal li ddefenda ruhu mill-aggressjoni ta’ Spiteri u ta’ Galea, u nnega wkoll li kien laqat lit-tifel. Il-Qorti, izda, kellha bizzejjed provi mill-Prosekuzzjoni biex tasal temmen il-verzjoni moghtija mill-parti leza mill temmen il-verzjoni skematika tal-imputat. Ghaldaqstant sejra ssib htija fl-imputat, u sejra taghti piena li tezercita xi forma ta’ kontroll fuq l-imgieba tieghu, bl-isperanza li ma jibqghux jinqalghu incidenti bejnu u l-kumplament tal-familja. Ghalhekk il-piena ser isservi ta’ deterrent ghall-imputat, u flimkien mal-piena l-Qorti sejra tipprovdi ghall-protezzjoni tal-parti leza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 325, 221, 383 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il-Qorti qieghda issibb lill-istess imputat Clive Portelli hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghal daqstant qieghda tikkundannah piena ta’ sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

In oltre din il-Qorti qieghda tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni ghal sentejn fil-konfront ta’ Marisa Antoinette Spiteri, Joseph Edmond Galea u Andre` Spiteri, ai termini ta’ l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------